**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Carmel Attard bin Lawrence u Marija nee Gatt li joqghod 30, Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 54446 (G)**

Illum 30 ta' Jannar 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli f'dawn l-ahhar xhur bi hsara ghall-konjugi Mario u Sandra Debono minn Marsalforn, Ghawdex ikkommetta vjolazzjoni kontra l-proprjeta` taghhom billi f'porzjon art fi Triq l-Ghar ta' Xerri, Xaghra, Ghawdex, (1) iddepozita vetturi u materjal iehor, (2) zamm scrapyard minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u wara li gie misjub hati ta' l-ewwel akkuza b'sentenza tas-7 ta' Frar 2001 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex, u f'liema sentenza gie moghti tmintax-il jum sabiex inehhi l-inkonvenjent fuq penali ta' zewg liri kuljum fin-nuqqas hu naqas li jaghmel dan u b'hekk hu mitlub li l-penali ta' mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm166) li tkopri tlieta u tmenin (83) gurnata tghaddi favur l-gvern ta' Malta salv penali ohra ulterjuri.

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat illi l-ewwel u t-tieni akkuzi kienu gia` decizi minn din il-Qorti kif preseduta skond sentenza tas-7 ta' Frar 2001 u dan peress illi si tratta ta' l-istess materjal u l-istess sit. Ghalhekk tilliberah minnhom.

Dwar it-tielet akkuza jirrizulta illi l-imputat naqas illi jottempora ruhu ma' l-ordni ta' din il-Qorti. Ghalhekk ssibu hati tat-tielet akkuza.

Rat l-artikolu 377 (3) tal-Kap 9;

Tordnalu jhallas is-somma ta' mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm166) rapprezentanti tlieta u tmenin (83) jum biz-zewg liri kuljum bla pregudizzju ghal kull ammont iehor sakemm jibqa' inadempjenti.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur